European Securities and Markets Authority

19 ta' Ottubru 2012

# Gwida għall-investimenti

## X'inhi l-AETS ?

AETS tfisser l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq. Hija awtorità regolatorja indipendenti tal-Unjoni Ewropea, u l-uffiċċji tagħha jinsabu Pariġi.

Wieħed mill-għanijiet tal-AETS huwa li ttejjeb il-protezzjoni tal-investituri fis-settur finanzjarju.

Tagħmel dan billi tiżgura li r-regoli applikabbli għas-settur finanzjarju jkunu impimentati b'mod adegwat fi ħdan l-Unjoni Ewropea.

It-tir huwa li tikkontribwixxi biex iżżid il-kunfidenza fost il-konsumaturi fis-sistema finanzjarja sħiħa, u biex tħares aħjar lill-klijenti tas-servizzi finanzjarji



## Għaliex l-AETS qed toħroġ din il-gwida?

Anki jekk fl-Ewropa hemm liġijiet fis-seħħ biex jipproteġu lill-investituri, l-għoti tal-għajnuna lill-konsumaturi permezz ta' inizjattivi edukattivi bħal din il-gwida informattiva huwa pass importanti biex l-investituri jiġu megħjuna jipproteġu l-interessi tagħhom huma stess.

Din il-gwida hija għall-konsumaturi li investew, jew li qegħdin jippjanaw li jinvestu, fi prodotti finanzjarji.

Tinvesti kemm tinvesti, huwa importanti li qabel ma tagħmel dan tkun taf x'alternattivi ta' investiment hemm għad-dispożizzjoni tiegħek. Hemm servizzi differenti ta' investiment u ħafna prodotti differenti disponibbli, u għalhekk huwa importanti li tifhem u tqis ir-riskji u l-gwadanji li tiltaqa' magħhom meta tagħżel servizzi u prodotti differenti ta' investiment.

Huwa importanti wkoll li tifhem xi drittijiet għandek, u x'tista' tistenna f'termini ta' informazzjoni meħtieġa minnek, jew ipprovduta lilek, skont liema tip ta' servizz jew prodott ta' investiment tagħżel.

Din il-gwida għandha l-iskop li tagħtik tagħrif prattiku dwar l-investimenti biex tħejji ruħek aħjar. Il-liġijiet eżistenti jipprovdu lill-konsumaturi b'xi livell ta' protezzjoni, iżda biex tieħu għażliet bl-informazzjoni li teħtieġ, għandek bżonn tieħu rwol attiv fil-proċess ta' investiment ukoll.

## X'tip ta' servizzi ta' investiment huma disponibbli?

Meta tinvesti, għandek taħseb dwar it-tip u l-ammont ta' appoġġ li ser tkun tixtieq mid-ditta tal-investiment, jew il-fornitur tas-servizz tal-investiment, biex tkun tista' tiffoka fuq dawk id-ditti li jistgħu jgħinuk fil-bżonnijiet tiegħek.

Jekk tifhem biċ-ċar x'inti tfittex tkun tista' tevita milli tħallas għal dak li fil-verità m'għandekx bżonn, jew milli tagħżel ditta li ma tistax tipprovdilek dak li teħtieġ.

Huma disponibbli s-servizzi tal-investiment li ġej-jin:

**Pariri dwar investimenti:** Tingħata rakkomandazzjonijiet personali dwar il-prodotti. Dan is-servizz jixraq l-iktar lil investituri li jixtiequ jieħdu d-deċiżjonijiet tagħhom stess dwar l-investimenti, iżda li jixtiequ wkoll l-appoġġ u l-pariri esperti ta' konsulenti finanzjarji.

**Investiment (jew negozjar) mingħajr pariri dwar investimenti:** Id-ditta tal-investiment ser tirċievi mingħandek, u mbagħad tibgħat jew teżegwixxi, l-ordnijiet tiegħek għax-xiri jew bejgħ ta' prodotti - mingħajr ma tagħtik pariri. Ġeneralment, dan is-servizz ikun xieraq l-iktar għal investituri iktar esperjenzati jew li jiddependu fuqhom infushom li kapaċi jiġbru u jevalwaw huma stess l-informazzjoni dwar il-prodotti u li huma kapaċi jieħdu deċiżjonijiet dwar investimenti mingħajr l-għajnuna ta' oħrajn. Dan it-tip ta' servizz qiegħed jiġi pprovdut dejjem iktar permezz tal-internet.

**Ġestjoni tal-portafoll:** L-investimenti tiegħek huma amministrati minn ditta tal-investiment f'ismek, u int toqgħod fuq id-deċiżjonijiet u l-għażliet tad-ditta. Id-ditta mhijiex ser tikkomunika miegħek kull darba li tagħmel investiment f'ismek. Madankollu, id-ditta hija meħtieġa tavżak, fuq bażi regolari, dwar l-attivitajiet li wettqet f'ismek. Dan is-servizz (ġestjoni tal-portafoll) jixraq l-iktar lil investituri li huma komdi jiddelegaw l-għażla dwar l-investiment lil oħrajn.



## X'mistoqsijiet ser isirulek meta tfittex pariri dwar investiment jew servizzi ta' ġestjoni tal-portafoll?

Meta tagħżel pariri jew ġestjoni tal-portafoll, tkun qed titfa' grad għoli ta' dipendenza fuq id-ditta tal-investiment meta mqabbel mal-għażla ta' transazzjonijiet mingħajr pariri. Għaldaqstant, hemm bżonn li tkun kunfidenti li d-ditta tifhem il-ħtiġijiet u ċ-ċirkustanzi individwali tiegħek biex tkun tista' tirrakkomanda, jew tixtri u tbiegħ, il-prodott it-tajjeb għalik.

Huwa importanti li d-ditta tiġbor tagħrif sħiħ u preċiż mingħandek biex tkun tista' tirrakkomanda, jew tagħżel, prodotti li huma xierqa għalik. Huwa fl-aħjar interessi tiegħek li tipprovdi lid-ditta b'tagħrif korrett, aġġornat u sħiħ. Barra minn hekk, għandek iżżomm lid-ditta aġġornata dwar kwalunkwe bidliet importanti fis-sitwazzjoni tiegħek. Id-ditta għandha obbligu li żżomm din l-informazzjoni kollha kunfidenzjali.

Id-ditta ser ikollha bżonn tistaqsik bosta mistoqsijiet bħala parti minn dik li tissejjaħ **valutazzjoni *tal-idoneità***. Dawn il-mistoqsijiet huma ffokati fuq l-għanijiet tal-investiment tiegħek, is-sitwazzjoni finanzjarja tiegħek u l-għarfien u l-esperjenza tiegħek. Id-ditta ser tadatta r-rakkomandazzjonijiet tagħha skont it-tweġibiet tiegħek.

**L-għanijiet tal-investiment tiegħek:** Il-mistoqsijiet dwar l-għanijiet tal-investiment tiegħek jistgħu jinkludu:

- L-iskop tal-investiment. Pereżempju, l-għanijiet tiegħek jistgħu jkunu ta' investiment għal dħul (ħlasijiet regolari bħal dividend jew imgħaxijiet), jew għal tkabbir (żieda fil-valur tal-kapital tiegħek fil-maturità tal-investiment), jew biex iżżomm il-kapital tiegħek sikur. Din l-informazzjoni hija relatata wkoll mar-*rieda* u l-profil ta' riskju tiegħek.
- L-ammont tal-investiment.
- It-tul ta' żmien li fih tixtieq iżżomm l-investiment. Din l-informazzjoni hija speċjalment importanti meta tixtri prodotti li jistgħu jkunu diffiċli, jew li jiswewk ħafna, biex tbiegħhom qabel il-maturità tal-kuntratt tagħhom. Din l-informazzjoni hija importanti wkoll fir-rigward ta' kif inhuma intaxxati ċerti investimenti (pereżempju, it-tassazzjoni tista' tkun marbuta mal-perjodu ta' żamma tal-prodott).
- Ir-rieda u l-profil ta' riskju tiegħek. Huwa importanti li d-ditta tifhem jekk tixtieqx tillimita r-riskji li tieħu, jew li taċċetta livell ogħla ta' riskju b'potenzjal ikbar ta' gwadann, iżda anki telf kapitali possibbli.

**Is-sitwazzjoni finanzjarja tiegħek:** Informazzjoni dwar is-sitwazzjoni finanzjarja tiegħek tista' tinkiseb permezz ta' mistoqsijiet dwar kwistjonijiet bħad-dħul tiegħek, l-assi tiegħek, id-djun tiegħek u kwalunkwe impenji finanzjarji li għandek. Għaldaqstant, tista' tistenna li jsirulek mistoqsijiet dwar is-suġġetti li ġejjin:

- Sommarju tal-assi (pereżempju, flus li għandek il-bank, proprjetà, jew investimenti oħrajn). Fejn dan ikun relevanti, id-ditta għandha tiġbor anki informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet, it-termini, l-aċċess, is-self, il-garanziji u restrizzjonijiet oħrajn, jekk ikunu applikabbli, għal dawn l-assi.
- Sommarju tal-obbligazzjonijiet u l-impenji finanzjarji regolari (pereżempju, kirjiet, spejjeż tal-iskola, polza tal-assigurazzjoni fuq il-ħajja).
- L-ammont tad-dħul regolari u d-dħul totali tiegħek, jekk tagħmilx dan id-dħul fuq bażi permanenti jew temporanja, u s-sors ta' dan id-dħul (pereżempju, minn impjieg, dħul mill-irtirar, dħul minn investimenti, qligħ minn kirjiet, eċċ).
- Il-pjanijiet ta' kura tas-saħħa.
- L-arranġamenti għall-ippjanar tal-irtirar.
- Is-sitwazzjoni tax-xogħol tiegħek.
- L-istatus ċivili tiegħek.
- Is-sitwazzjoni tal-familja tiegħek (din tista' tħalli impatt fuq is-sitwazzjoni finanzjarja tiegħek – pereżempju, fil-każ ta' twelid jew meta t-tfal tiegħek ikunu f'età li jmorru l-università).

**L-għarfien u l-esperjenza tiegħek:** Informazzjoni dwar l-għarfien u l-esperjenza tiegħek dwar is-swieq u l-prodotti finanzjarji jistgħu jinġabru permezz ta' mistoqsijiet dwar:

- It-tip ta' servizzi, transazzjonijiet u prodotti li int midħla tagħhom.
- L-għamla, il-volum u l-frekwenza tat-transazzjonijiet preċedenti tiegħek.
- Il-livell ta' edukazzjoni tiegħek.
- Il-professjoni tiegħek jew il-professjoni li kellek qabel.

Dawn il-listi ma jkoprux kollox. Jistgħu jsirulek mistoqsijiet għal informazzjoni oħra wkoll. Il-liġi teħtieġ li d-ditti jiġbru l-informazzjoni mingħandek. Kemm tinġabar informazzjoni minnek ivarja skont l-għamla tal-klijent, l-għamla u l-kobor tas-servizz li għandu jiġu pprovdut, u t-tip ta' prodott jew transazzjoni previsti, inkluża l-kumplessità tagħhom u r-riskji involuti.

Dejjem għandek iżżomm f'rasek li huwa fl-aħjar interessi tiegħek li tipprovdi lid-ditta bi stampa sħiħa kemm jista' jkun dwar is-sitwazzjoni personali u l-għanijiet tiegħek. Dan isir biex id-ditta jkollha l-informazzjoni kollha meħtieġa biex tkun tista' tagħmillek rakkomandazzjoni xierqa. Ovvjament, jeżistu liġijiet dwar il-protezzjoni tad-dejta biex jipproteġu d-dejta personali u l-privatezza tiegħek.

Jekk ditta li tipprovdi pariri jew ġestjoni tal-portafoll ma tiksibx jew ma tistax tikseb l-informazzjoni meħtieġa biex tivvaluta l-idoneità, f'dak il-każ ma tistax tagħmel rakkomandazzjoni, jew tieħu deċiżjonijiet f'ismek. Jekk tipprovdi biss informazzjoni limitata jew ħażina, dan ser jaffettwa l -għamla tas-servizz li d-ditta tal-investiment ser tkun tista' tipprovdilek.



## X'mistoqsijiet ser isirulek meta ma tistaqsix għal pariri dwar l-investiment?

Meta tkun trid li ditta tixtri jew tbiegħ investiment mingħajr ma tipprovdilek servizzi ta' pariri jew ta' ġestjoni tal-portafoll, id-ditta ser ikollha bżonn tivverifka dik li nsejħulha l-***adegwatezza*** tal-prodott għalik. Għandek tifhem x'inhuma implikazzjonijiet, u l-livell ta' riskju, f'dan it-tip ta' servizz.

Id-ditta ser ikollha bżonn tistaqsik mistoqsijiet dwar l-għarfien u l-esperjenza tiegħek marbutin mal-investiment speċifiku biex tivvaluta jekk il-prodott huwiex xierqa għalik. Fost il-mistoqsijiet li jistgħu jsirulek hemm:

- It-tipi ta' servizzi u prodotti li diġà int midħla tagħhom.
- L-għamla, il-volum u l-frekwenza tat-transazzjonijiet preċedenti tiegħek.
- Il-livell ta' edukazzjoni tiegħek.
- Il-professjoni tiegħek jew il-professjoni li kellek qabel.

Huwa importanti li tifhem li wieħed mill-għanijiet ewlenin ta' dawn il-mistoqsijiet huwa li jivverifikaw jekk għandekx l-esperjenza u l-għarfien meħtieġa biex tifhem ir-riskji involuti fir-rigward tal-investiment speċifiku.

Jekk id-ditta tasal għall-konklużjoni li għandek l-għarfien u l-esperjenza meħtieġa biex tifhem ir-riskji involuti, f'dak il-każ id-ditta tista' tibda taħdem fuq it-transazzjoni li tkun għażilt.

Inkella, tirċievi twissija mid-ditta li tgħid li jew id-ditta ma tqisx li t-transazzjoni proposta hija xierqa għalik, jew li m'għandhiex biżżejjed informazzjoni biex tkun tista' tiddetermina l-adegwatezza. Jekk tinsisti li tkompli bit-transazzjoni xorta waħda, inti tagħmel dan billi tieħu responsabilità għar-riskju.

## X'mistoqsijiet għandek tagħmel lilek innifsek u lid-ditta?

Huwa importanti li tagħmel mistoqsijiet qabel tieħu kwalunkwe deċiżjoni dwar l-investimenti tiegħek (b'pariri jew mingħajr). M'għandekx tħossok intimidat(a). Ftakar li dawn huma flusek.

Ditta trid tipprovdilek ċerta informazzjoni, inkluża informazzjoni dwar min jirregolaha u s-servizzi li hija awtorizzata toffri. Din l-informazzjoni għandha l-għan li tgħinek tifhem l-għamla tas-servizzi tagħha, it-tipi ta' prodotti offruti u r-riskji involuti. Taħsibhiex darbtejn biex tivverifika din l-informazzjoni. Jekk hemm xi ħaġa li mhix ċara, jew li ma tifhimx, jew tħoss li għandek bżonn iktar informazzjoni, staqsi.

### Staqsi mistoqsijiet biex tgħin lilek innifsek tifhem il-prodotti u r-riskji marbutin magħhom

Peress li inti tieħu d-deċiżjonijiet dwar l-investiment, għandek tkun żgur li tifhem il-vantaġġi u l-iżvantaġġi relattivi, u r-riskji involuti tat-tipi differenti ta' investimenti. Ser tirċievi informazzjoni li tispjega l-għamla, ir-riskji u l-ispejjeż tal-prodotti. Din l-informazzjoni tinkludi, pereżempju, deskrizzjoni tar-riskji ta' prodott u jekk il-prezzijiet/valuri jistgħux jiċċaqilqu. L-ammont ta' informazzjoni ser jiddependi fuq it-tip ta' prodott, il-kumplessità u l-profil ta' riskju tiegħu.

Ftakar li l-investimenti kollha jinvolvu xi livell ta' riskju: jekk tieħu riskji ikbar, tiżdied il-probabilità li titlef ftit jew kollox mill-investiment inizjali tiegħek. Huwa importanti li tifhem x'inhuma l-alternattivi tal-investimenti tiegħek u kif tipi differenti ta' investimenti jħaddmu flusek. Ir-riskji u r-redditu potenzjali jvarjaw ħafna minn investiment għal ieħor.

### Staqsi dwar tariffi, spejjeż u imposti

Is-servizzi ta' pariri dwar investimenti u ġestjoni tal-portafoll mhumiex b'xejn. Meta tistaqsi għal servizzi ta' pariri jew ġestjoni tal-portafoll, staqsi kemm id-ditta ser titolbok fil-bidu u fil-ġejjieni.

Huwa importanti li tifhem kif id-ditta titħallas għas-servizzi tagħha, u b'hekk għandek tistaqsi lid-ditta biex tispjegalek. Pereżempju, id-ditta tirċievi tariffi jew kummissjoni jew benefiċċji oħrajn mill-manifatturi tal-prodotti li qed tirrakkomanda jew tinvesti fismek? Dan jgħinek tivvaluta wkoll l-indipendenza tad-ditta meta tagħti rakkomandazzjonijiet dwar investimenti jew meta tinvesti fismek.

- Prodotti differenti għandhom spejjeż u imposti differenti. Għal xi prodotti, bħal stokks u bonds, aktarx li ser tintalab tħallas kummissjoni ta' darba biex tixtri jew tbiegħ prodott.
- Għal prodotti oħrajn, bħal fondi mutwi, jintalbu xi tariffi fi żminijiet speċifiċi, fuq il-bażi tal-azzjonijiet li tieħu, u uħud minnhom jintalbu fuq bażi kurrenti. It-tariffi huma deskritti fid-dettall fil-prospectus ta' kull fond, li għandek taqra qabel tinvesti.
- Barra minn hekk, il-parteċipazzjoni tad-ditti fħafna mill-prodotti ta' investiment aktarx li tiġġenera xi spejjeż addizzjonali msejħa *tariffi ta' kustodja*. Int trid tħallas dawn it-tariffi.

### Staqsi għal informazzjoni dwar id-ditta

Id-ditti jridu jkunu awtorizzati jipprovdu s-servizzi. Jekk ditta mhijiex awtorizzata tipprovdi servizzi u attivitajiet ta' investiment, m'għandhiex il-permess tipprovdihom.

> Dejjem ivverifika jekk id-ditta hijiex awtorizzata fpajjiżek fuq http://www.esma.europa.eu/page/Investment-Firms jew fuq il-websajt tar-regolatur nazzjonali tad-ditta.

## Informazzjoni dwar il-ġestjoni tal-portafoll

Meta tkun tlabt lil ditta biex tamministra l-investimenti f'ismek (ġestjoni tal-portafoll), għandek tirċievi informazzjoni inkluża deskrizzjoni tal-għanijiet tal-ġestjoni, il-livell ta' riskju relatat, x'tipi ta' prodotti jew transazzjonijiet jistgħu jkunu inklużi fil-portafoll tiegħek, u informazzjoni dwar il-metodu ta' valwazzjoni u l-frekwenza tal-valwazzjonijiet tal-investimenti tiegħek. Għandek tistaqsi wkoll dwar kif ser tiġi kkalkkolata l-prestazzjoni tal-portafoll tiegħek.

## Staqsi dwar il-progress tal-investimenti tiegħek

Staqsi għal informazzjoni dwar kemm-il darba ser tirċievi dikjarazzjonijiet u dwar il-kontenut tagħhom. Dan ser jagħmilha faċli għalik biex tifhem id-dikjarazzjonijiet ladarba jaslulek. Matul ir-relazzjoni tiegħek mad-ditta, dejjem staqsi għal aġġornamenti dwar ir-redditu tal-investimenti tiegħek u kkunsidra, jew saħansitra ddiskuti mad-ditta, jekk humiex qegħdin jilħqu l-aspettattivi u l-għanijiet tiegħek. Dawn l-investimenti sejrin tajjeb daqs kemm kont qed tistenna fil-bidu fuq il-bażi tal-informazzjoni li ngħatajt?

## Staqsi dwar il-politika tat-twettiq tad-ditta

Biex twettaq ix-xiri jew il-bejgħ ta' prodotti, id-ditta tiegħek hija meħtieġa tikseb l-aqwa riżultati possibbli għalik. Il-politika tat-twettiq tad-ditta ser tinkludi informazzjoni dwar kif u fejn id-ditta twettaq l-ordnijiet, u l-fatturi li jaffettwaw l-għażla tal-post tat-twettiq.

## Staqsi għall-politika tad-ditta dwar kunflitti ta' interess

Id-ditti huma meħtieġa jaġixxu fl-aħjar interessi tiegħek. Biex jagħmlu dan, huma obbligati jkollhom fis-seħħ arranġamenti effettivi li jipprevjenu milli kunflitti jaffettwaw l-interessi tiegħek b'mod avvers.

## Informazzjoni oħra

Qabel tinvesti, tkun idea tajba li tiżgura li taf x'inhuma l-arranġamenti jekk ikollok bżonn tilmenta dwar id-ditta jew tfittex kumpens.

Hemm ukoll lista ta' skemi ta' kumpens għall-investituri (jew mekkaniżmi ta' lmenti ta' investituri) fuq il-websajt tal-AETS (http://www.esma.europa.eu/content/Welcome-Investor-Corner), u l-websajt tan-netwerk FIN-NET (http://ec.europa.eu/internal_market/fin-net/index_en.htm).

Ftakar li, skont il-liġi, l-informazzjoni kollha pprovduta mid-ditta trid tkun ġusta, ċara u mhux qarrieqa. L-informazzjoni pprovduta ma għandhiex taħbi, tnaqqas jew toskura elementi, dikjarazzjonijiet jew twissijiet importanti. Jekk ma tifhimx l-informazzjoni pprovduta lilek, itlob iktar informazzjoni.

Ħu nota dwar id-diskussjonijiet kollha mad-ditta, u dwar il-mistoqsijiet u t-tweġibiet kollha. Ikteb ukoll x'iddeċidejt li tagħmel. Jekk xi ħaġa tmur ħażin u jkollok ilment, in-noti tiegħek jistgħu jgħinu biex jiġi stabbilit x'intqal.

## Konklużjoni

Kull investitur jibda bl-affarijiet bażiċi. Qabel tiddeċiedi dwar kif tinvesti flusek, trid tidentifika l-ħtiġijiet u l-għanijiet finanzjarji ewlenin tiegħek. Għin lid-ditta tal-investiment tiegħek tifhem għaliex trid tinvesti, x'inhi s-sitwazzjoni finanzjarja tiegħek u l-esperjenza u l-għarfien tiegħek dwar il-prodotti u s-swieq finanzjarji.

Għandek kemm għandek flus, l-importanti huwa li titgħallem dwar l-opportunitajiet tiegħek u d-drittijiet tiegħek. Dejjem żomm f'rasek: jekk għandek xi dubji, staqsi.